MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-28 ta' Lulju, 2004

Numru. 37/2001
Kawza Numru. 24

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**

**- vs -**

**Sammy Rapa fil-kwalita` tieghu ta' Manager ta' Mgarr Hotel, c/o Mgarr Hotel, Ghajnsielem, Ghawdex.**
**Karta ta' Identita' Numru 52549 (G)**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat akkuzat talli fid-9 t' April 1999 u qabel din id-data naqas li jhallas lill-ex-impjegat tieghu Martin Portelli, paga, sahra u kumpens flok vaganzi mhux moghtija fl-ammont ta' Lm703.97.

Il-Qorti kienet mitluba bir-rispett li tordna lill-akkuzat li jhallas lil Martin Portelli is-somma ta’ Lm703.97 kif spjegat aktar ‘il fuq.

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat illi mill-provi mressqa jirrizulta illi l-kwerelant kien ilu mpjegat mal-lukanda manegjata mill-imputat u dan ghal numru ta’ snin. Wara diversi drabi li ta u rtira n-notice tieghu, il-kwerelant inghata kuntratt ta’ mpjieg ghal zmien definit mid-9 ta’ Jannar 1999 sa’ l-10 ta’ Jannar 2000. Il-kwerelant telaq minn fuq ix-xoghol fid-9 t’ April 1999 skond hu “qabel skadew it-tlett xhur probation”. L-imputat jghid li qatt ma rcieva notice tal-kwerelant. Din il-materja fl-ewwel lok hija regolata bil-Kap 135 kif vigenti f’April tal-1999. Jinghad mill-ewwel illi d-dispozizzjoni ta’ l-artikolu 34(3) l-ahhar proviso ma japplikax ghal kaz in dizamina stante illi l-impjieg precedenti tal-kwerelant mal-lukanda ma kien qatt terminat fuq bazi ta’ redundancy. Minn dak li semghet din il-Qorti jirrizulta illi l-kwerelant qatt ma ta notice ta’ temm ta’ l-impjieg tieghu . Il-klawsola numru 7 tal-kuntratt ta’ l-impjieg in dizamina jaghmilha cara illi n-notice period huwa regolat skond il-ligi u anke jekk dan ma ntqalx, hekk hu. L-istess kuntratt ma jistipulax dwar iz-zmien ta’ prova u ghalhekk l-artikolu 34 tal-Kap 135 jimponi l-ewwel tlett xhur kif tajjeb interpreta l-kwerelant. Dak li interpreta hazin izda huwa l-fatt li hu kellu jaghti n-notice ta’ gimgha minghajr ma jkun obbligat igib raguni valida ghaliex qed itemm l-impjieg tieghu u dan ma ghamlux.

Issa minkejja dan kollu l-artikolu 23 tal-Kap 9 jaghmilha cara illi l-principal ma jistax jaghmel tnaqqis mill-paga tkun xi tkun ir-raguni (hlief dawk hemm imsemmija) u hemm gurisprudenza formidabbli dwar dan fis-sens illi dan il-provvediment ma jammetti l-ebda eccezzjoni. Izda dak li qed jitlob l-kwerelant mhux biss huwa paga izda hlas ta’ vaganzi li l-imputat irrifjuta li jhallas ghaliex hu stess ghandu claim kontra l-kwerelant. In effetti l-kwerelant huwa dovut is-somma ta’ hmistax-il lira Maltin (Lm15) salarju u sitt liri Maltin u hamsin centezmu (Lm6.50) bonus allowance, is-sitt mija u tnejn u erbghin lira Maltija u seba

u tmenin centezmu (Lm642.87) l-ohra huma ekwivalenti ghall-valur ta’ vaganzi li qatt ma ha. Issa l-artikolu 23 jitkellem biss dwar “paga” u l-kelma “paga” fl-artikolu 1 tfisser “rinumerazzjoni jew qliegh, li jithallsu bil-flus minn principal lill-impjegat u tinkludi kull bonus li ghandu jithallas skond l-art 29 ta’ dan l-Att”. Ghalhekk il-qofol tat-talba tal-kwerelant ma tifformax parti min dak dovut lilu b’mod privileggjat u mhux mittiefes skond l-artikolu 23 tal-Kap 135. Inoltre l-istess ammont mitlub hu kolpit in parti bil-preskrizzjoni ta’ sena stante li l-akkuza inharget fl-4 t’ April 2000 u l-vaganzi lamentati ikopru perjodu gej qabel din is-sena.

Ghal dawn il-mottivi, wara illi l-imputat ressaq ragunijiet bizzejjed biex juri li kien gustifikat ma jhallasx lill-kwerelant l-ammont ta’ sitt mija u tnejn u erbghin lira Maltija u seba u tmenin centezmu (Lm642.87) rapprezentant valur ta’ vaganzi mhux utilizzati ma ssibux hati ta’ din il-parti ta’ l-akkuza. Issibu hati invece talli naqas milli jhallas lil Martin Portelli is-somma ta’ hmistax-il lira Maltin (Lm15) paga/salarju u sitt liri Maltin u hamsin centezmu (Lm6.50) bonus allowance. Wara li rat l-artikoli 23 u 41 tal-Kap 135, tikkundannah ghall-hlas ta’ multa ta’ ghoxrin lira Malitn (Lm20) u tordnalu jhallas lil Martin Portelli s-somma ta’ wiehed u ghoxrin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm21.50) fi zmien hmistax mil-lum, u thalli impregudikat id-dritt ta’ Martin Portelli ghal risarciment ta’ l-ammont minnu prestiz quddiem il-Qorti kompetenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------